

# DATA KOMMEMORATTIVA
# 130 SENA TAL-FTUĦ TAL-KNISJA

jikteb
Alfie Guillaumier

Meta fl-1862 l-Kumitat organizzattivgħat-twaqqif ta' knisja ġdida ressaq rikors quddiem l-awtoritajiet Ekklesjastiċi, nifhem li kien imħeġġeġ minn awtoritajiet oħrajn ċivili lokali li xtaqu t-tlugħ ta' knisja kbira u diċenti li tkun tasa' l-poplu kollu. Jidher li wara dan il-kumitat kien hemm imħuħ oħrajn influwenti li bdew ikesksu minn taħt għat-twaqqif ta' din il-knisja. Jidher li minbarra s-Saċerdot Dun Fortunat Valletta (*li wara laħaq l-ewwel kappillan tal-Ħamrun*) jidher anki isem l-Imħallef Giovanni Conti li kellu ibnu perit, Anacleto Conti. Dak iż-żmien li tkun Imħallef ma kienitx ċajta, u l-kelma tiegħu kienet tfisser kmand.

Ir-rikors jgħid li issa fil-Ħamrun ġa hemm mal-5,000 ruħ li kienu qed jisimgħu il-quddies minn wara l-bibien ta' barra kemm tal-kappella ta' Santu Nuzzu li kulħadd jaf kemm hi żgħira, dik tas-Samra u knejjes oħrajn li huma mbegħdin minn nukliju ta' Casale San Giuzeppe, kif kien magħruf dak iż-żmien il-Ħamrun. Anzi lmentaw ukoll li minbarra li sid il-knisja kien qed jhedded li jagħlaq il-kappella billi din kienet kappella privata, ħafna nies kienu qed jisimgħu l-quddies minn wara l-bieb ta' barra jew jibqgħu bla quddies għaliex minbarra li l-knejjes li semmejna kienu żgħar b'mod speċjali li l-knisja ta' Santu Nuzzu li għaliha kien sar referenza, il-parroċċa ta' Birkirkara li taħtha kienet taqa' l-ġurisdizzjoni, ma kienitx tibgħat saċerdoti biżżejjed biex il-poplu jagħmel id-doveri reliġjużi tiegħu. Issa kemm kienet ħerqana l-pretensjoni tal-Kumitat rigward din il-problema, wieħed kien ried jaraha fil-perspettiva tagħha dak inhar Seta' l-Kumitat kien qed jinqeda b'din il-problema biex jasal għall-għan tiegħu. Kien għan tajjeb, imma kull min hu fil-Kumitati, jaf kemm joħorġu skopijiet – minn huma retti u oħrajn partiġġjani. B'dana kollu anki fil-Kunsill tal-Gvern (*il-Parlament ta' dak iż-żmien*) issemmiet il-ħtieġa ta' knisja ġdida u ħeġġew sabiex il-Gvern idaħħal idejh fil-but u jgħin finanzjarjament. Dan id-distrett kien qed jikber bil-ħeffa. Il-pożizzjoni tiegħu qrib ix-xatt ġagħlu lil nies li kienu joqogħdu fil-bogħod, li jiġu jgħammru fih. Il-Marsa kienet qribu u ħafna xogħol manwali kien isir il-Marsa bħal ġarr ta' faħam u ħteġijiet oħra li kienu meħtieġa għall-flotta Ingliża li kienet kotrana fix-xtut tagħna. Għalhekk il-ħtieġa ta' knisja ġdida kbira kienet prijorità. Meta kien hemm ix-xamma li l-permess se jingħata, bdew isiru l-arbulari u bosta sinjuri u neguzjanti offrew l-għajnuna finanzjarja tagħhom. Anki dawk li ma kienux minn Casale San Giuseppe offrew il-flus ukoll. Il-Kumitat qal li t-tlugħ tal-knisja ma kienx se jkun ta' piż fuq il-poplu billi kien hemm min ried joħroġ il-flus. Instabet l-art adattata li ħallas għaliha l-Gvern u fit-13 ta' Ġunju, 1869 tqiegħdet l-ewwel ġebla. Il-perit li ħażżeż il-pjanta kien George Schinas, li kien Perit tal-Gvern. Huwa ħażżeż pjanta tassew oriġinali, kif wieħed jista' jara mill-istil tagħha. Imma l-aktar li tnaffar kien l-Imħallef Conti, u forsi kien hu l-aktar li ħeġġeġ biex tinbena. Il-ħolma tiegħu li forsi l-pjanta jagħmilha ibnu, ma seħħetx għaliex il-kumitat qabbad lil ħaddieħor. Il-Perit Anacleto Conti għamel biss il-pjanta tal-limiti tad-distrett il-ġdid li għamilha dettaljata ħafna kif wieħed jista' jara mill-pjanti li għamel.

Ix-xogħol malajr deher għaliex il-ħeġġa u l-ħtieġa kienu kbar. Fl-10 ta' Lulju, 1875 il-knisja kienet lesta, miftuħa u tbierket mill-Isqof

Karmelu Scicluna bil-poplu jifraħ li sa fl-aħħar kien se jara t-tempju tiegħu li kien ilu jistenna s-snin, jitlesta, jitbierek u jinfetaħ.

Għalhekk bir-raġun ngħidu li din is-sena hija sena kommemorattiva għall-Ħamruniżi billi tkun għalqet 130 sena li tbierket. Naħseb li ħadd ma kien ferħan daqs Dun Fortunat Valletta wara taqbida ġmiela għat-tlugħ tagħha. Ittieħdu l-limiti għaliha li kienu parti minn Ħal-Qormi, minn Birkirkara u mill-Furjana u b'hekk ġie ffurmat il-Ħamrun li bil-mod il-mod u maż-żmien kulħadd beda jnaqqarlu ftit ftit minnu sakemm ġabuh dak li hu llum bla ma ħadd fetaħ ħalqu biex jipprotesta.

